MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2008

Avviz Numru. 185/2005

**Quintano Foods Limited**

**vs**

**Jesmond Sant**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut Jesmond Sant ghall-hlas tas-somma ta' elf, sitt mija u wiehed u sebghin Lira Maltin u zewg centezmi (LM1,671.02,0), bilanc minn somma akbar dovuta fuq zewg kontijiet separati, u rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut fuq inkarigu tieghu;**

**Il-konvenut Jesmond Sant, ghalkemm interpellat, baqa' inadempjenti;**

**Bl-ispejjez u bl-imghax kummercjali dekorribbli sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra l-konvenut li huwa minn isa ngunt in subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Jesmond Sant datata l-21 t'Ottubru 2005;**

**Rat id-digriet taghha ta' l-24 ta' Jannar tas-sena 2006 fejn ordnat il-kjamat in kawza ta' Rita Sant, mart il-konvenut;**

**Rat is-sentenza parzjali taghha datata d-9 t'Ottubru tas-sena 2007 fl-ismijiet fuq indikati;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici fil-konfront tal-konvenut Jesmond Sant sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fid-19 ta' Frar tas-sena 2008 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut Jesmond Sant.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------